Jennifer Vella

vs

Jan Agius, kif eżerċenti fil-kummerċ bħala Classic Bathrooms

CCT 248/24/CC

Illum 18 ta' Frar, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ipprezentata fil-11 ta' Novembru 2024, fejn talbet rifuzjoni ta' l-ammont ta' mitejn u ghoxrin ewro (€220) rapprezentanti ammont imhallas ghal banju, li rrizulta difettuz.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezenta risposta fejn pproduca l-versjoni tieghu ghat-talba avvanzata mill-attrici.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi tal-partijiet, dehret l-attrici u deher ukoll l-intimat Jan Agius, li entrambi ipproducew il-provi taghhom fl-istess seduta.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ipprezentata mill-attrici u mill-intimat.

Sema' l-attrici Jennifer Vella, u lix-xhieda Marco Vella u John Scerri, kif ukoll lil intimat Jan Agius jixhdu bil-gurament fis-seduta tal-4 ta' Frar 2025.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li l-attrici xtrat minghand l-intimat konsenja ta' madum u xi accessorji tal-kamra tal-banju minghand l-intimat. Din l-ordni giet ikkonsenjata lil attrici fl-4 ta' Ottubru 2024. Dakinhar tal-konsenja, l-attrici ma kienetx prezenti, u kien hemm prezenti r-ragel ta' l-attrici Marco Vella, li ffirma fuq dokument li kien qieghed jircievi l-ordni, izda jispjega li huwa ma vverifikax l-istat tal-materjal li gie kkonsenjat. Sadanittant, il-banju li gie ikkonsenjat baqa' ippakjat.

Illi l-attrici tispjega li in segwitu ghal dan, madwar hmistax- il gurnata wara, il-'plumber' nehha l-ippakjar li kellu l-banju, u ra li l-banju kellu zewg krakkjaturi. Il-'plumber' John Scerri jispjega li kif huwa ra dan, ha zewg ritratti tal-krakkjaturi li kellu l-banju, u baghthom immedjatament lil attrici. Illi l-attrici immedjatament ikkuntatjat lil intimat sabiex tinfurmah bl-akkadut.

Da parti ta' l-intimat, huwa informa lil attrici li qabel il-konsenja, huwa personalment kien ivverifika l-kwalita tal-banju u ma kellu l-ebda difett. Inoltre, l-intimat jissoleva l-fatt li l-attrici ikkuntatjatu gimghatejn wara l-konsenja tal-banju, u huwa ma kienx dispost li jirrifondi l-ammont tal-banju lil attrici.

Illi l-attrici tispjega li hija kellha tirrikorri ghal din il-procedura stante nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet.

Illi l-attrici ipproduciet fl-atti ta' dawn il-proceduri prova tal-hlas ta' l-ammont ivversat minnha lil intimat, kif ukoll dokumentazzjoni ohra relatata mal-kompletezza tal-provi.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil attrici Jennifer Vella tixhed bił-gurament fis-seduta tal-4 ta' Frar 2025 u wara li ra d-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attrici fic-cirkustanzi tal-kaz, hija gustifikata u timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-attrici irnexxielha tipprova l-istanza taghha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha, b'dan li l-intimat ghandu jhallas lil attriċi s-somma ta' €220 (mitejn u għoxrin ewro) rappreżentanti ammont imħallas minnha għal banju li irrizulta difettuz. It-Tribunal jordna li l-attriċi għandha tirritorna l-banju lil intimat kif tirċievi l-ħlas.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-Talba mressqa mill-attriċi, u jordna lil intimat iħallas lil attriċi is-somma ta' €220 (mitejn u għoxrin ewro).

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-intimat.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru